MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 801/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Kevin Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 801/2014**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 10 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Kevin Galea ta' 18 sena mwieled fis-7 ta' Novembru 1995 gewwa Pieta' iben Costantino u Romina nee' Buttigieg residenti gewwa 171, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 479395(M) talli:

Fl-14 ta' Awwissu 2013 bejn 02:00 u 03:00 ta' filghodu flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' oggetti minn go gabbana bl-isem ta' Pizza Moods Takeaway li tinsab fix-Xatt ta' Xbiex ghad-detriment ta' James Xuereb u/jew persuna/I ohra, liema serq ma jeccedix l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmi (€232.94) huwa aggravat bil-hin u bil-mezz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhux netta mhix wahda allarmanti. In vista ta' dan il-Qorti tqis li piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(f), 263, 270, 278(2) u l-artikolu 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2) millum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation. Billi l-imputat huwa diga' segwit mill-Probation Officer Marilyn Formosa tirrakomanda lid-Direttur sabiex possibilment dan il-kaz jigi assenjat lill-istess Probation Officer.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------